# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 2.4

**Kap 2 : Ejja nsiru aħjar**

**Lezzjoni 2.4: Tiswa mitqlu deheb!**

**L-għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jevalwaw modi differenti kif nistgħu nuru rispett.
2. Jiddiskutu għalfejn Ġesù kien imur jitgħallem fis-sinagoga.
3. Jagħrfu l-importanza tar-rispett li jgħinuhom jaħdmu flimkien.




**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- IWB activity

- Respect Song - YouTube

https://www.youtube.com/watch?v=ZgidfFs-j4M

- 2.4 worksheet



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Spjega: Issa li rajna ftit min huma n-nies li jieħdu ħsiebna, ejjew naraw kif dawn in-nies nistgħu nuruhom apprezzament.
- Stieden lit-tfal jiddiskutu l-IWB activity.
- Staqsi: Xi tfisser il-kelma: RISPETT? – Taċċetta dak li qed jgħidlek ħaddieħor? Toqgħod għal dak li jgħidlek ħaddieħor?
- Naħdmu flimkien bħala klassi l-attività fuq l-IWB.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Semma' l-kanzunetta *Respect.*

2. Spjega: Fil-kanzunetta rajna li meta wieħed jirrispetta lil ħaddieħor, ħaddieħor jirrispetta lilu. Kif inti ġġib ruħek ma' ħaddieħor, ħaddieħor iġib ruħu miegħek. Meta tirrispetta lil ħaddieħor tkun qed tħobbu bħala proxxmu tiegħek. Il-qawl Malti jgħid: *Tagħmilx dak li ma tridx li jagħmlu lilek.* Kristu imur pass ieħor meta jgħid: *Ħobb lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek*

3. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.4 u wara li tispjega s-silta mogħtija, stieden lit-tfal biex jiddiskutu flimkien Attivita` 1. Wara jkun hemm ħin biex huma jimmarkaw l-kliem addattat.



4. Spjega Attività 2 u fuq bażi ta' klassi ddiskuti mat-tfal biex huma jaslu li jgħaqqdu s-sentenzi t-tajba.

5. Asal għal Attività 3. Oħloq diskussjoni dwar l-importanza tat-tagħlim u x'għandu x'jgħallimna Ġesu dwar dan.
6. Ħeġġeġ lit-tfal biex jesprimu t-talbiet tagħhom personali. Tista' tispiċċa bit-talb tiegħek.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Dejjem żomm f'moħħok li nies li Alla tak biex jieħdu ħsiebek, tahomlok għax iħobbok. Ħu ħsiebhom u dejjem urihom kemm tapprezzahom!
2. Ir-rispett ifisser li taċċetta dak li qed jgħidlek minn jieħu ħsiebek għax iħobbok.
3. Ġesu jgħidilna: "Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek."




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru l-imħabba u r-rispett tagħhom lejn min jgħinhom, tkun kif tkun l-għajnuna li jirċievu.
It-tfal jirringrazzjaw lil min joffrilhom xi servizz.
It-tfal jidraw jistaqsu lilhom infushom: "Keku dan is-servizz ma jeżistix, kif kienet tkun ħajti? Kieku jien kont minflok dak li qed jagħtini dan is-servizz, kif kont irrid li ħaddieħor iġib ruħu miegħi?"



## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

- RESPECT Video song

https://www.youtube.com/watch?v=ZgidfFs-j4M



## Nitolbu

Aħfirli Mulej, għax jien mhux dejjem napprezza l-ġid li ħaddieħor jagħmel miegħi. F'dawn il-mumenti tassew inkun persuna egoista u supperva. Bierek il-ġid li jagħmlu Mulej u agħtihom il-kuraġġ biex fix-xogħol tagħhom qatt ma jaqtgħu qalbhom.

